MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru. 601/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Annmarie Micallef**

**vs**

**Daniel Reginiano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Daniel Reginiano iben Abramino u Nora nee’ Ruben, mwieled l-Italja nhar it-3 ta’ Marzu 1960 u residenti 38, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita’ numru 374285(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-20 ta’ April 2006, gewwa Triq Luqa Briffa, Gzira volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JBB 751, propjeta’ ta’ Micheal Scerri, liema hsara hija ta’ aktar  minn Lm50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Micheal Scerri, kif ukoll ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBO 295, propjeta’ ta’ Edward Von Brockdroff, u fuq hwejjgu, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 50 (hamsin lira Maltin) u ghad-dannu tal-istess Edward Von Brockdroff u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Gunju 2006 (esebit a fol. 19 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fl-20 ta’ April 2006 gewwa Triq Luqa Briffa, il-Gzira fejn l-imputat allegatament ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBB 751 propjeta’ ta’ Micheal Scerri kif ukoll fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBO 295 propjeta’ ta’ Edward V

on Brockdroff. L-imputat jinsab ukoll akkuzat bi ksur ta' paci pubblika b'ghajjat u glied ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Micheal Scerri u Edward Von Brockdroff it-tnejn xehdu f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2007 u ebda wiehed minnhom ma qal li kien ra lill-imputat jikkaguna hsara fil-vettura ta' kull wiehed minnhom rispettivament. Il-Prosekuzzjoni l-anqas ma gabet ebda prova ohra li tindika li effettivament kien l-imputat li kien ikkaguna il-hsara fil-vetturi tal-imsemmija Micheal Scerri u Edward Von Brockdroff jew li l-imputat kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied. Inoltre jekk wiehed jara l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-11 ta' Gunju 2006 (inserita a fol. 15 u 16 tal-process) bl-ebda mod ma jirrizulta li huwa f'xi hin ammetta li kien ikkaguna xi hsara fil-vetturi propjeta' ta' Micheal Scerri u Edward Von Brockdroff. Irid ukoll jigi rilevat li dawn iz-zewg xhieda it-tnejn iddikjaraw li ma kellhomx interess li jipprocedu bl-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Daniel Reginiano mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentament tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------